# Il-Festa tal-Bambina Mitejn Sena Ilu 1811-1816

**Jonathan Muscat**

Meta wieħed jaqbeż il-Mosta fi triqtu lejn il-Mellieħa jinnota nuqqas ta' rħula meta mqabbel mal-Lvant u l-parti ċentrali ta' Malta. Għalhekk hu aktar faċli nifhmu kif il-Mellieħa ta' mitejn sena ilu kienet meqjusa bħala raħal 'il bogħod li mhux faċli tasal fih minħabba l-kundizzjoni fqira tat-toroq u n-numru ta' tlajja' u nżul. B'popolazzjoni żgħira, minħabba l-fatt li kienet tinsab 'l bogħod mix-xogħol u l-ħajja kummerċjali li wieħed kien isib fl-inħawi tal-portijiet u l-Belt Valletta, il-Mellieħa kienet raħal bi ftit irziezet imxerrdin fil-widien iżda li kellha l-eqdem santwarju f'Malta. Bosta devoti kienu jiġu minn kull parti ta' Malta sabiex jitolbu u jirringrazzjaw lill-Madonna tal-Mellieħa għall-grazzji li jkunu qalgħu fi żmien ta' mard, nuqqas ta' xita jew deni ieħor. Jum it-twelid tal-Bambina kien għalhekk l-ikbar festa f'dan ir-raħal ċkejken.

Bejn l-1811 u l-1816 il-festa tal-Bambina kienet tiġi ċċelebrata fuq tlett ijiem. Fis-6 ta' Settembru kienet tiġi ċċelebrata lejlet il-festa tal-Konsagrazzjoni tal-Madonna, fis-7 jum il-Konsagrazzjoni u fit-8 ta' Settembru kienet issir il-festa Titulari.[1] L-armar għall-festa kien jibda mill-5 jew mis-6 ta' Settembru u jiżżarma kollox fid-9 ta' Settembru.[2] Ir-rettur tas-Santwarju, li f'dawk is-snin aktarx kien joqgħod in-Naxxar, kien iqabbad nies u ħaddiema sabiex iħejju għal din il-festa. Dawn il-ħaddiema kienu jarmaw il-knisja bid-damask, iħejju fjakkoli mimlijin bil-*murga* jew tip ta' żejt u kienu jieħdu ħsieb il-ħġejjeġ li kienu jsiru sabiex idawwlu madwar is-Santwarju bil-lejl. Kienu wkoll jgħinu fil-ġarr ta' affarijiet speċjalment mill-Għadira, fejn kienu jidħlu d-dgħajjes, sas-Santwarju. Il-ħaddiema kien ikollhom l-ikel imħallas għal matul il-ġranet li kienu jqattgħu fil-Mellieħa u kienu jingħataw kafè u ċikkulata.[3] Fl-1815 insibu li r-Rettur xtara tiben sabiex dawn il-ħaddiema jorqdu fuqu,[4] li juri aktar fiċ-ċar li wħud minnhom ma kinux Melliħin, waqt li fl-1816 insibu li ġew 4 ħaddiema min-Naxxar flimkien mar-rettur.[5]



It-trasport ta' persuni u oġġetti lejn il-Mellieħa u lura kien isir permezz ta' kalessi u dgħajjes. Mhux ċar jekk mitejn sena ilu kienx aktar faċli li wieħed juża mezz ta' transport minflok ieħor iżda filwaqt li jidher li l-merkanzija kienet aktar tinġarr bid-dgħajjes, passiġġieri kienu jaslu l-Mellieħa kemm bid-dgħajjes kif ukoll permezz ta' kalessi. Fil-festa tal-1812 numru ta' nies li xtaqu jaslu l-Mellieħa bid-dgħajsa kellhom jużaw kaless minħabba l-maltemp u l-baħar imqalleb.[6] Kirja ta' dgħajsa fl-1811 kienet 10 skudi waqt li kaless kien jiswa madwar 8 skudi, iżda waqt li kaless kien iġorr madwar erba' min-nies, dgħajsa kienet iġġorr ferm aktar nies u affarijiet.[7]

Barra l-ħaddiema li diġa' semmejna kienu jiġu aktar nies, fosthom qassisin barranin, sabiex jieħdu sehem fiċ-ċelebrazzjonijiet tal-festa kif ukoll il-predikatur li kien jagħmel il-paniġierku, li wkoll kien ikun minn barra l-Mellieħa. Fl-1811 il-paniġierku sar mill-kappillan ta' Ħad Dingli, fl-1812 minn patri Franġiskan, fl-1814 minn ċertu Padre Rizzo, fl-1815 mill-Kanonku Bertis u fl-1816 mill-kappillan tan-Nadur.[8] Dawn kien jinkrielhom kaless jew dgħajsa sabiex jaslu l-Mellieħa u kienu jqattgħu xi ġranet fil-Mellieħa, aktarx bħala mistednin għand ir-rettur tas-Santwarju. Uħud minnhom kienu jingħataw donazzjoni żgħira waqt li oħrajn kienu jagħmlu l-paniġierku bla ħlas.

Ġarr ta' merkanzija, armar u affarijiet oħra lejn il-Mellieħa, bħal fil-festi li kienu jsiru matul is-sena, meta nbena ħanut barra r-rixtellu tas-Santwarju fl-1811[9] jew meta sar it-tkabbir tas-Santwarju fl-1814,[10] kien isir permezz ta' dgħajjes li kienu jinkrew sabiex iġorru affarijiet mill-Belt Valletta sal-Għadira. It-triq li mbagħad kienet tagħti mill-Għadira sas-Santwarju kienet l-aħħar parti li kienet issir, permezz ta' karettuni u bhejjem. Din it-triq ma kinitx f'xi kundizzjoni tajba ħafna speċjalment meta wieħed iqis li mal-ewwel ħalba xita kienet issirilha ħafna ħsara u kien għalhekk li spiss kien ikollha bżonn ta' tiswija.[11] It-tħejjija għall-festa kienet tibda minn Awwissu meta kien isir xi xogħol ta' tindif u tibjid. Fl-1814, ir-Rettur ordna li jsir it-tindif mill-ġebel u terrapien li kien hemm fil-bitħa u barra r-rixtellu tas-Santwarju minħabba x-xogħol ta' tkabbir tas-Santwarju, sabiex l-inħawi jkunu nodfa għall- festa.[12]

Fil-ġranet tal-festa kienet issir ikla f'nofsinhar u fil-għaxija. Dawn l-ikliet kienu jsiru fis-6, fis-7 u fit-8 ta' Settembru u kienu jservu kemm bħala parti miċ-ċelebrazzjonijiet tal-festa tal-Bambina kif ukoll bħala ringrazzjament lill-benefatturi tas-Santwarju, lill-ħaddiema u lil min ikun għen fil-festa. Fost l-awtoritajiet li kienu jattendu għall-festin insibu lir-Reggente Dr. Bonici, li fl-1816 kien mistiedem



mir-rettur għaċ-ċena ta' lejlet il-festa flimkien mal-qassisin u l-mużiċisti preżenti. Sabiex jiġi ppreparat dan l-ikel kien jitħallas is-servizz ta' kok u erba' persuni oħra.[13] Wara l-festa kienet imbagħad titħallas persuna sabiex taħsel tvalji, lożor u affarijiet oħra li kienu ntużaw waqt il-quddies u l-ikliet tal-festa.[14]

Għall-festa, aktarx għal waqt il-quddiesa, kienu jiġu madwar tmien mużiċisti minn barra l-Mellieħa permezz ta' żewġ kalessi. Huma kienu jġibu magħhom kuntrabaxx[15] u minkejja li ma jissemmewx strumenti oħra nafu li kienu jużaw ukoll l-orgni li kien hemm fis-Santwarju. Dan l-orgni kellu minfaħ kbir li kien jitħaddem manwalment permezz ta' nies apposta msejħa *tiramantici* li kienu jippumpjaw l-arja waqt li l-organista jdoqq.[16]

Għall-festa tal-Bambina kien ukoll jinħaraq il-logħob tan-nar u murtali tal-ajru. Bejn l-1811 u l-1815 dan kien isir minn ċertu Giovanni Vella. Fl-1814 persuna oħra kienet tieħu ħsieb ix-xiri ta' porvli u l-ħruq ta' murtaletti u maskli. Fl-1815 il-murtaletti kienu jinħarqu f'nofs inhar, fl-Ave Maria, waqt il-vespri, u waqt il-quddies iżda, f'dik is-sena u s-sena ta' wara, wieħed jinnota li ntefqu inqas flus fuq logħob tan-nar mis-snin ta' qabel.[17]

Il-festa tal-Bambina ma saritx fl-1813 peress li f'Malta kien hawn il-pesta. Din l-epidemija waslet Malta f'April tal-istess sena u ttieħdu passi drastiċi mill-gvernatur Thomas Maitland sabiex din il-marda tiġi kkontrollata. F'dak iż-żmien la kienu jafu minn fejn tiġi din il-marda u l-anqas kienu jafu kif jew biex titfejjaq. Il-pesta ħarbtet il-kummerċ u x-xogħol li kien hawn fil-gżejjer fi żmien il-gwerer kontra Napuljun. Il-pesta ħarbtet ukoll il-ħajja soċjali tal-poplu. Il-Gvern Ingliż iddikjara liġi marzjali, fil-Belt ħadd ma setà joħroġ mid-dar u f'xi rħula ħadd ma setà joħroġ mir-raħal. Kien għalhekk li f'dik is-sena l-festa fil-Mellieħa ma saritx.[18]

Kif juru l-kontijiet tal-ispejjeż tas-Santwarju ta' bejn l-1811 u l-1816 wieħed jinnota li l-festa tal-Bambina, b'nefqa medja ta' 360 skud, kienet ittul aktar minn dik tal-Madonna tar-Rużarju ċċelebrata f'Ottubru u b'nefqa medja ta' 62 skud fis-sena. Matul is-sena fis-Santwarju tal-Mellieħa kienu jiġu ċċelebrati l-festi tal-Għid u tal-Milied, kif ukoll il-festa tal-Gandlora fi Frar.[19] F'Mejju kienu jsiru l-eżerċizzi u barra l-priedki kien ikun hawn konfessuri barranin. Dawn il-festi, flimkien mal-quddies ta' kull nhar ta' Ħadd, ikomplu juru d-devozzjoni li kien hawn lejn il-Madonna tal-Mellieħa fil-bidu tal-ħakma Ingliża, devozzjoni li kompliet tiżdied waqt il-pesta tal-1813. Bejn l-1811 u l-1816 is-Santwarju għadda minn bidla kbira kemm bħala żieda fid-devozzjoni kif ukoll bidla strutturali bit-tkabbir tal-istess Santwarju, bini ta' kmamar barra r-rixtellu u funtana f'nofs il-bitħa fl-1815.[20] Il-Mellieħa bħala popolazzjoni wkoll bdiet tiżdied f'dak iż-żmien[21] u kompliet tikber bħala raħal agrikolu. Mitejn sena ilu, il-festa tal-Bambina, minkejja ċ-ċokon u s-sempliċità tagħha, kienet festa li kienet tiġi ċċelebrata b'ħeġġa u dedikazzjoni.




1 APM 15, p. 71.
2 APM 15, p. 41.
3 APM 15, p. 63.
4 APM 15, p. 63.
5 APM 15, p. 69.
6 APM 15, pp. 22-23.
7 APM 15, p. 19.
8 APM 15, pp. 19, 22, 41, 64, 71.
9 APM 15, pp. 17-18.
10 APM 15, pp. 36-37, 44-54.
11 APM 15, p. 18. Is-Santwarju ħallas 58 skud u 8 tarì għat-tiswija tat-triq li tagħti mill-Għadira sas-Santwarju; Ara wkoll D. Muscat, 'Il-Mellieħa fl-Ewwel Nofs tas-Seklu Dsatax' fil- *Il-Mellieħa mal-Milja taż-Żmien.* (ed.) J. Catania. (Malta, Kunsill Lokali Mellieħa, 2002), 92.
12 APM 15, 47.
13 APM 15, p. 41.
14 APM 15, pp. 19, 41, 64.
15 APM 15, p. 63.
16 APM 15, p. 19.
17 APM 15, p. 19, 22-23, 41, 64, 71.
18 APM 15, pp. 35-36.
19 APM 15, p. 76.
20 APM 15, p. 62.
21 J. Muscat, 'Inħawi Abitati u Toroq' fil- *Il-Mellieħa mal-Milja taż-Żmien.* (ed.) J. Catania. (Malta, Kunsill Lokali Mellieħa, 2002), 122. Fl-1844 il-popolazzjoni tal-Mellieħa kienet ta' 517, żdiedet għal 675 sal-1851 u kompliet tikber fis-snin ta' wara.